# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Ġunju, 2020**

**Numru 5**

**Rikors Numru 385/17TA**

**Joseph Gauci [Karta ta' Identita Numru: 200957M], Dennis Mark Gauci [Karta ta' Identita Numru: 387484M], Aldo Zammit [Karta ta' Identita Numru: 112674M] u Brian Farrugia, Karta ta' Identita Numru: 608581M f'isimhom proprju u bħala soċji fid-ditta ta' *Accountants* u Udituri Pubbliċi KSi Malta**

**vs**

**Mariella Sammut [Karta ta' Identita Numru: 424067M]**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors maħluf tat-2 ta' Mejju 2017 ta' Joseph Gauci, Dennis Mark Gauci, Aldo Zammit u Brian Farrugia f'isimhom propio u bħala soċji tad-ditta ta' Accountants u Awdituri u Udituri Pubbliċ KSi Malta li permezz tiegħu premettew u talbu s-segwenti:-

"1. Illi l-konvenuta kienet ġiet impjegata mad-ditta KSi Malta fl-24 ta' April, 2014 għab-bażi ta' Ftehim ta' Impieg li kopja tiegħu tinsab hawn unita u mmarkata bħala Dokument KSi 1.

2. Illi skont l-imsemmi Ftehim ta' Impieg il-konvenuta kellha terminu definit ta' ingaġġ ta' tlett snin.

3. Illi lejn tmien is-sena 2015 l-konvenuta avviċinat lill-attur Joseph Gauci li huwa l-*Managing Partner* tad-ditta KSi Malta u talbitu sabiex jesoneraha mill-obbligu li taħdem it-terminu kollu tal-impieg skont ma kien ġie miftiehem u in sostenn ta' din it-talba tagħha pproduċiet ċertifikat mediku filwaqt li stqarret li kienet żviluppat sintomi ta' kanċer tas-sider. Kopja taċ-Ċertifikat Mediku prodott mill-konvenuta tinsab hawn unita u mmarkata bħala Dokument KSi 2.

4. Illi kkonfrontat b'dawn il-fatti u ċirkostanzi, l-attur Joseph Gauci aċċetta għal raġunijiet kompassjonali li jittermina prekoċement il-Ftehim ta' Impieg tal-konvenuta u esoneraha mill-ħlas li l-konvenuta kienet statutorjament obbligata li teffettwa u għalhekk ġie iffirmat Ftehim ta' Terminazzjoni li kopja tiegħu tinsab hawn unita u mmarkata bħala Dokument KSi 3.

5. Illi rriżulta li ftit ġranet biss wara li ġie tterminat il-Ftehim ta' Impieg tal-konvenuta, għar-raġunijiet kompassjonali marbuta ma' allegata marda li kienet ħakmet lill-konvenuta, din ta' l-aħħar, impjegat ruħha ma' kumpannija EIG Holdings Limited bħala *Assistant Financial Controller* u dan kif jirriżulta id-dokument hawn unit u mmarkata bħala Dokument KSi 4.

6. Illi huwa ċar li l-Ftehim ta' Terminazzjoni ġie instigat minn att doluż da parti tal-konvenuta li wassal sabiex l-atturi ġew ingannati u indotti dolożament sabiex jaċċettaw it-terminazzjoni prekoċi tal-Ftehim ta' Impieg u jeħilsu lill-konvenuta mill-ħlas ta' dak li hija kienet statutorjament obbligata li tħallas kieku għażlet li tittermina l-Ftehim ta' Impieg qabel iż-żmien, minn jedda.

7. Illi mingħajr ir-raġġiri użati mill-konvenuta, ir-rikorrenti atturi ma kienux jikkuntrattaw il-Ftehim ta' Terminazzjoni u għalhekk l-att doluż tal-konvenuta eżerċita influwenza deċiżiva fuq id-dikjarazzjoni ta' volonta tar-rikorrenti atturi u konsegwentement il-Ftehim ta' Terminazzjoni huwa affett minn vizzju tal-volonta tar-rikorrenti atturi.

8. Illi jsegwi li l-esponenti rikorrenti atturi kawża ta' dan l-att doluż u tar-raġġiri użati mill-konvenuta soffrew danni konsistenti f'dak l-ammont li l-konvenuta kienet statutorjament obbligata li tħallas konsegwenza tal-għażla tagħha li tittermina l-impieg tagħha qabel iż-żmien.

Għalhekk għar-raġunijiet premessi l-esponenti rikorrenti atturi umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

(1) prevja dikjarazzjoni li l-konvenuta użat raġġiri u aġġixxiet dolożament sabiex tinganna u tinduċi dolożament lir-rikorrenti atturi sabiex jaċċettaw it-terminazzjoni prekoċi tal-Ftehim ta' Impieg tagħha u jersqu għall-iffirmar ta' Ftehim ta' Terminazzjoni, tordna r-rexissjoni tal-Ftehim ta' Terminazzjoni tat-8 ta' Ottubru, 2015;

(2) konsegwentement tiddikjara lill-konvenuta responsabbli għall-ħlas ta' danni kkawżati lir-rikorrenti atturi konsistenti f'dak il-valur li l-konvenuta kienet statutorjament obbligata li tħallas lir-rikorrenti atturi riżultat tat-terminazzjoni prekoċi tal-impieg tagħha mar-rikorrenti atturi;

(3) tillikwida d-danni kkawżati u arrekati lir-rikorrenti atturi mill-konvenuta okkorrendo permezz ta' periti nominandi;

(4) tikkundanna lill-konvenuta sabiex tħallas id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data meta kull ammont ta' danni sar legalment dovut sal-effettiv pagament kontra l-konvenuta li minn issa tinsab nġunta għas-subizzjoni."

Rat ir-risposta maħlufa ta' Mariella Sammut tas-7 ta' Novembru 2017 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

"1. Illi preliminarjament ir-rikorrenti qatt ma setgħu jipproċedu b'din l-azzjoni qabel ma ħallsu l-ispejjeż inkorsi mill-konvenuta Mariella Sammut in konnessjoni mar-risposta tagħha għall-kawża intavolata fuq l-istess ħaġa u fl-istess ismijiet u ċioe` "Joseph Gauci et v Mariella Sammut 436/2016/MCH" liema kawża ġiet kanċellata minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta (ara **Dok MS1**) wara illi l-atturi ma dehrux iżjed minn darbtejn, l-ispejjeż ta' liema kawża dovuti lill-konvenuta sal-lum għadhom ma tħallsux u dana kollu ai termini tal-Artikolu 907 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Illi huwa minnu li l-esponenti kienet impjegata mad-ditta KSI Malta fl-24 ta' April, 2014 a bażi ta' Ftehim ta' Impieg għal żmien definit għat-tul ta' tlett (3) snin.

3. Illi a kuntrarju ta' dak allegat mill-mittenti, l-esponenti kienet ilha, sa minn Awissu tal-2015, li esprimiet ix-xewqa tagħha li tittermina l-kuntratt tal-impieg tagħha b'mod amikevoli – u f'dan l-istadju – mingħajr ebda tip ta' riferenza għall-mard jew kundizzjonijiet li dak iż-żmien kienu għadhom ma tfaċċawx, iżda b'referenza ċara għall-fatt illi x-xogħol li kienet tingħata mir-rikorrenti ma kienx dak it-tip ta' xogħol li hija applikat u ntagħżlet għalih u kwindi ma kienetx kuntenta f'xogħolha minħabba nuqqasijiet tas-soċjeta` KSI Malta.

4. Illi in risposta għal din it-talba tal-intimata, is-Sur Joseph Gauci f'isem il-kumpannija KSI, aċċetta li jiddiskuti dina t-terminazzjoni amikevoli, u fil-fatt kien hemm qbil bejn il-partijiet biex isir *Termination Agreement* amikevoli u sabiex l-intimata taħdem sal-aħħar ta' Ottubru 2015.

5. Illi meta ntlaħaq il-ftehim dwar din it-terminazzjoni u meta kien ġie deċiż illi jiġi ffirmat *Termination Agreement* – l-intimata dak iż-żmien kienet qed turi sintomi suspettużi li setgħu iwasslu għal-kanċer tas-sider, u malli s-soċjeta` rikorrenti saret konoxxenti ta' dan – id-direġenti tas-soċjeta` rikorrenti huma stess riedu illi titniżżel li l-intimata kienet marida bħala raġuni li tissostanzja t-terminazzjoni – u dan biss – fi kliem Joseph Gauci stess – biex ikun hemm "ġustifikazzjoni" għat-temm tal-impieg tagħha f'għajnejn l-impjegati l-oħrajn, u biex ma jinħoloqx preċedent ma ħaddiema oħra li forsi riedu wkoll jitterminaw il-kuntratt tagħhom b'mod simili.

6. Illi in vista ta' dan kollu, nhar it-8 ta' Ottubru 2015 sar *Termination Agreement* ("**Termination Agreement**")(anness u mmarkat bħala **Dok MS2**) bejn is-soċjeta` mittenti u l-intimata esponenti, fejn il-partijiet qablu li jitterminaw il-kuntratt tal-impieg in kwistjoni, u ġie mniżżel fl-istess *Termination Agreement* bħala preambolu illi "**Whereas the Employee is unwell and wishes to terminate her relationship with the Firm**" kien qiegħed jiġi miftiehem bejn il-partijiet li ser jiġi tterminat bonarjament il-kuntratt definit tal-intimata, u bħala korrispettiv l-intimata Sammut ħallset s-somma ta' elt tmien mija u tlieta u tletin Euro (**€1833.00**) u dan a saldu u '***<u>in full and final settlement of all pending due in relation to the early termination of the Employment Agreement</u>***'.

7. Illi kontestwalment mal-iffirmar tat-*Termination Agreement*, l-intimata preżentat lil Joseph Gauci kopja ta' ċertifikat mediku datat 8 ta' Ottubru 2015 (anness u mmarkat bħala **DOK MS3**) li jixhed illi hija kienet qegħdha tinvestiga sintomi suspettużi ta' kanċer tas-sider li kienet innotat. Kien l-istess Gauci illi talab lill-intimata ġġib ċertifikat fl-istess ġurnata tal-iffirmar tal-kuntratt.

8. Illi dan iċ-ċertifikat kien maħruġ mit-tabiba Dr. Maria R. Borg (Reg no 2208) tad-Diviżjoni tas-Saħħa Primarja, Furjana.

9. Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost, meta ġie iffirmat il-kuntratt a saldu u *in full and final settlement*, apparti il-pagament surreferit, l-intimata wkoll irrinunzjat (u b'hekk tista' tgħid li effettivament ħallset ukoll) is-somma ta' elf tlett mija u sittax il-Euro (€1,316) konsistenti f'(i) sebgħa tijiem xogħol bejn l-1 ta' Ottubru 2015 u d-9 ta' Ottubru 2015 li ma tħallsux mis-soċjeta` mittenti (7 days x 8 hours x Eur10.59/hr = Eur593) (ii) Vacation leave mhux utilizzat ta' 61 il-siegħa x 10.59 = EUR 646) (iii) Bonuses (14 il-ġimgħa minn Lulju u ġimgħa minn Settembru = EUR 77) liema ammonti kienu dovuta lilha skond il-liġi.

10. Illi sussegwentement u wara dina t-terminazzjoni, l-intimata sfortunatament **<u>kompliet tiżviluppa is-sintomi li kienet qiegħda tissuspetta li kellha, u għalhekk kellha tieħu l-kura neċessarja u preventiva biex tevita konsegwenzi ulterjuri</u>**.

11. Illi għalhekk hija attendiet diversi appuntamenti mediċi fejn ġiet eżaminata ulterjorment (ara "*ticket of referral*" datat 28 ta' Ottubru 2015 anness u mmarkat bħala **DOK MS4**) u għamlet "*mammogram*" ulterjuri nhar l-20 ta' Novembru 2015 (ara dokument anness u mmarkat bħala **DOK MS5**) fejn instab illi l-intimata kellha ċesta f'sidiriha u għaldaqstant ingħatat appuntament ieħor datat 21 ta' Diċembru 2015.

12. Illi fil-21 ta' Diċembru 2015, l-intimata reġgħet attendiet appuntament ieħor ġewwa l-Isptar Mater Dei fejn instab illi kien hemm "*several cysts*" f'sider l-intimata, u fuq liema *cysts* kellu jsir intervent sabiex dawn jiġu mneħħija u kkurati (ara **Dok MS6**).

13. Illi sussegwentemet għal dan l-intervent, l-intimata kompliet tagħmel *follow up tests* neċessarji ġewwa l-isptar Mater Dei, fejn f'Jannar tal-2016 l-intimata ġiet notifikata illi r-riżultati tal-Mammogram tagħha kienu <u>pożittivi</u>.

14. Illi huwa minnu illi wara t-tmiem bonarju tal-impieg definit tagħha mir-rikorrenti – u fiż-żmien fejn kienet għada għaddejja mit-testijiet relatati mal-kanċer tas-sider, hija sabet xogħol alternattiv b'ħinijiet ridotti <u>part time</u> sabiex tkun tista tiffoka fuq il-kura tagħha, u dan mingħajr ebda dannu għall-KSI (ara l-kuntratt tax-xogħol anness u mmarkat bħala **DOK MS7**).

15. Illi jiġi rrilevat wkoll illi l-fatt illi hija sabet xogħol alternattiv (u *part time*) ma kumpanija oħra, waqt li kienet qegħdha tieħu l-kura neċessarja – ma rreka l-ebda tip ta' danni lir-rikorrenti, u jekk ġew rekati dawna d-danni, s-soċjeta` rikorrenti għandha ġġib il-prova tagħhom.

16. Illi tajjeb jiġi speċifikat illi l-istess *Termination Agreement* ġie milħuq u miftiehem <u>qabel</u> ma tfaċċaw is-sintomi suspettużi tal-possibbli kanċer – u dan kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża.

17. Illi b'kull rispett, l-istess *Termination Agreement* qatt ma kien bbażat fuq il-presuppost illi l-intimata ma setgħetx issib xogħol ieħor waqt li tirċievi l-kura neċessarja.

18. Illi apparti minn hekk għandu jiġi ssottolinejat illi *Termination Agreement* surreferit qatt ma kien jivjeta jew jipprojbixxi lir-rikorenti milli ssib xogħol ieħor – la impliċitament u lanqs espliċitament - u għalhekk il-fatt illi hija sabet xogħol alternattiv ieħor ftit wara li telqet mis-soċjeta` rikorrenti m'għandu jkollu l-ebda tip ta' rilevanza għall-każ odjern.

19. Illi mingħajr preġudizzju għall-fatt illi d-diskussjonijiet li wasslu għat-*Termination Agreement* qatt ma kienu ibbażati fuq il-presuppost illi l-intimata kienet marida, xorta waħda ma jistax jingħad illi kien hemm aġir frawdolenti jew raġġiri min-naħa tal-intimata, għaliex it-

*Termination Agreement* fuq liema ir-rikorrenti qegħdin isejsu l-argumenti tagħhom jgħid biss fil-preambolu illi "T*he Employee is unwell and wishes to terminate her relationship with the firm*" u ma jispeċifikax x'tip u xi gravita` ta' mard kellha tbagħti minnu l-intimata sabiex tiġġustifika t-temm tal-impieg.

20. Illi jsegwi illi l-konklużjoni tar-rikorrenti illi l-intimata "ingannat" u "irraġirrat" lir-rikorrrenti sabiex jidħlu fl-istess ftehim bonarju huwa fieraħ, assurd u frivolu, u dan għaliex donnu huwa bbażat fuq is-sempliċi fatt illi l-intimata irnexxilha tieħu l-kura preventiva neċessarja sabiex tevita illi l-kundizzjoni tagħha tmur għall-agħar. Jirriżulta ċar illi fil-mument tat-temm tal-impjieg l-intimata verament kienet 'unwell' u kienet qed tmur l-isptar 'undergoing investigations' kif kien espress fiċ-ċertifikat mediku ippreżentat lil Gauci. Kwindi l-allegazzjoni li hija ippruvat tqarraq lir-rikorrrenti fil-mument tat-terminazzjoni hija falza, inġustifikata, xokkanti u tal-mistħija.

21. Illi bir-rispett kollu, r-rikorrenti donnhom qegħdin jimplikaw, illi l-intimata ingannathom għas-sempliċi raġuni illli hija irnexxilha tfieq u tevita marda kerha, liema argument għandu bir-rispett jiġi skartat bil-qawwa kollha minn dina l-Onorabbli Qorti.

22. Illi hija proprja tal-mistħija illi r-rikorrenti huma disposti jqajjmu tali pretensjoni meta jafu sew x'kienu d-diskussjonijiet li wasslu għat-terminazzjoni, jafu sew li l-intimata kienet qed tagħmel testijiet mediċi, u huma ben konxji li qatt ma sar ftehim li permezz tiegħu kienet pprojbita taħdem fil-futur – li wara kollox – huwa d-dritt tagħha li tfittex u tikseb xogħol u li taqla' l-għixien (anki jekk "parti-time") – dritt li jippermetti lil persuna li jkollha livell ta' dinjita` minkejja t-tbatijiet li hija trid tiffaċċja.

23. Illi in vista tan-nuqqas ta' frodi u raġġiri allegati mir-rikorrenti, it-*Termination Agreement* in kwistjoni huwa viġenti u għandu l-forza tal-liġi bejn il-partijiet (*pacta sunt servanda*) u għaldaqstant ir-rikorrenti m'għandhom l-ebda pretiża kontra l-intimata abbażi tal-istess Termination Agreement illi jgħid ċarament illi "*Both Parties are hereby renouncing to any and all legal action in front of any court, authority or tribunal, in relation to the entire employment relationship that commenced on the 24th October 2014*".

24. Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-intimata tirrespinġi bis-saħħa kollha l-allegazzjonijiet ta' qerq u raġġiri bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

    a. Tiċħad it-talbiet tar-rikorrent għar-rexissjoni tat-Termination Agreement u tiddikjara u tikkonferma illi ma kien hemm l-ebda frodi, raġġiri u/jew qerq min-naħa tal-intimata meta ffirmat l-istess;

b. Konsegwentement tiddikjara u tikkonferma l-validita` u l-applikabilita` tat-*Termination Agreement* bejn il-partijiet;

c. Tiċħad fl-intier tagħhom it-talbiet tar-rikorrent għal-likwidazzjoni u ħlas ta' kwalunkwe danni jew arretrati allegatament dovuti lilhom;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti, inkluż tal-Ittra uffiċjali Risponsiva tal-25 ta' Frar 2016 li minn issa jinsabu inġunti in subizzjoni."

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-Kawża;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet;

Rat is-Sentenza parzjali ta' din il-Qorti tal-24 ta' Settembru 2018;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw u jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2020;

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**<u>Punti ta' fatti</u>**

**1.** Il-Konvenuta kienet impjegata mal-Atturi li joperaw taħt l-isem tad-ditta KSi Malta. L-impieg tagħha kien regolat minn ftehim datat 24 ta' April 2014 u dan għal perjodu definittiv ta' tlett snin b'effett mis-17 ta' Mejju 2014. Hi ġiet hekk impjegata bħala *Associate*, bid-dmirijiet tagħha kif deskritti fl-imsemmi ftehim taħt it-titolu ta' **Position and Duties** (ara a' fol 5).

**2.** F'xi żmien, l-Attriċi kienet qed turi x-xewqa tagħha li ma tibqax fl-impieg. L-ewwel darba li uriet din ix-xewqa kien fl-14 ta' Awwissu 2015

(ara a' fol 98 tergo). Jidher li baqgħet tippersisti li riedet titlaq, kif jirriżulta mill-ittra tat-8 ta' Ottubru 2015. Konsegwentement fl-istess data ntlaħaq il-ftehim. F'dan il-ftehim kien premess li l-Konvenuta kienet ma tiflaħx. Il-Konvenuta ħallset ukoll is-somma ta' €1800 biex setgħet tinħall mill-kuntratt tal-24 ta' April 2020 (ara a' fol 14).

**3.** Fid-19 ta' Otubru 2015, il-Konvenuta sabet impieg ma' EIG Holdings Ltd fl-istess linja tax-xogħol li kellha qabel ma' l-Atturi. Din id-darba b'salarju ta' €1200 fix-xahar, meta mal-Atturi kellha salarju ta' €1,800 (ara a' fol 57). Hekk kif l-Atturi saru jafu b'dan l-impieg ġdid tagħha, presentaw il-Kawża li għandha quddiemha din il-Qorti.

**4.** L-Atturi qed isostnu li ġew indotti biex jiffirmaw il-ftehim ta' terminazzjoni ta' impieg bis-saħħa tar-raġir doluż u ta' ingann tal-Konvenuta. L-Atturi jinsistu, li l-fattur tal-mard kien biss pretest doluż sabiex iwassal lill-Atturi jiffirmaw kif ingħad. Minn naħa l-oħra l-Konvenuta tiċħad dan kollu u tirribadixxi li hija kienet in buona fede u li l-Atturi kienu jafu b'dan. Hi tinsisti li l-Atturi riedu li jissemma' l-mard *"biex ikun hemm, 'gustifikazzjoni' għat-temm tal-impieg tagħha f'għajnejn l-impjegati l-oħrajn, u biex ma jinħoloqx preċedent ma' ħaddiema oħra li forsi riedu wkoll jitterminaw il-kuntratt tagħhom b'mod simili"* (ara ħames eċċezzjoni tal-Konvenuta a' fol 32 u 33).

**5.** Dan ifisser li din il-Qorti għandha żewġ versjonijiet għal kollox differenti dwar x'kienet il-veru raġuni għat-temm ta' impieg, anke jekk fil-

ftehim tat-8 ta' Ottubru 2015 hemm ċar premess li dan sar minħabba mard.

**Punti ta' Liġi**

**6.** Kemm mill-premessi u aktar u aktar mit-talbiet Atturi, jirrisulta li l-azzjoni li qegħdha tkun esperita hija dik abbażi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 981 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi s-segwenti:

"(1) *L-għemil doluż huwa motiv ta' nullita' ta' ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kienitx tikkuntratta.*

*(2) L-għemil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jiġi pprovat."*

**7.** L-Atturi qegħdin għalhekk, permezz tat-tieni talba tagħhom, jitolbu r-rexissjoni tal-ftehim tat-8 ta' Ottubru 2015. F'dan ir-rigward artikolu 1212 tal-Kodiċi jipprovdi li *"Kull ftehim li fih tkun nieqsa xi waħda mill-kundizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, jew li l-liġi tiddikjara espressament li hu null, hu suggett għar-rexxissjoni."*

**8.** A propositu ta' din l-azzjoni l-awtur taljan **Giorgio Giorgi** għandu hekk xi jgħid:

"*L'azione di nullita` o rescessione e` il mezzo giuridico concesso al contraente, di liberarsi dagli effetti pregiudicevoli dell'assunta obbligazione ottenendo l'annullamento, o rescissione che dir si voglia. E` un rimedio, che ha per necessario presupposti uno stato giuridico, ovvero*

*una obbligazione riconosciuta dal diritto civile, sebbene imperfetta. E differisce da ogni altro mezzo, con cui s'impugna un mero stato di fatto derivante da un titolo, che non ha partorito veruna obbligazione riconosciuta civilmente, quantunque abbia dato causa agli effetti con-naturali della obbligazione inutilmente presupposta dal titolo nullo."* (ara **Giorgi: Teoria Delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italiano 7ma. ed. vol. VIII para. 146 pag. 246**.)

**9.** Dan l-awtur ikompli jispjega li sabiex tirnexxi kawża bħal din iridu jikkonkorru tlett kundizzjonijiet:

*"Affinche` l'azione rescissoria possa dirsi esercitata utilmente, si richiede il concorso cumulativo di tre condizioni: (a) che l'obbligazione sia invalida; (b) che la rescissione venga domandata da quel contraente, che ha il diritto di prevalersene; (c) che non sia scorso il tempo assegnato dalla legge, o non sia intervenuta la rinuncia preventiva."*

Ikompli jispjega illi: *" … l'azione rescissoria e` la sanzione dell'incapacita' legale a obbligarsi per contratto, dei vizii di consenso e della lesione.*" (**Giorgio Giogi ibid. para. 149 pag. 251 u ibid. para. 150 pg. 251**).

**10.** Għalhekk fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti jrid ikun eżaminat jekk hux il-każ jekk hemmx raġunijiet biżżejjed skont il-liġi, biex il-ftehim tat-8 ta' Ottubru 2015 jiġi rexiss minħabba r-raġunijiet id-dolo.

**11.** Kif diga' spjegat, il-liġi tagħna tfisser illi: "L-għemil doluż huwa motiv ta' nullita` tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kienitx tikkuntratta. L-għemil doluż ma jistax ikun preżunt imma għandu jiġi pruvat". Skont id-dottrina, sabiex jista' jingħad li jeżisti dan id-dolo jridu jikkonkorru erbgħa kundizzjonijiet, u ċioe`:

*"(i) intenzione di nuocere: A costituire il dolo nel senso di macchinazione o raggiro non basta la coscienza di nuocere, ma si richiede la volonta` diretta a nuocere;*

*(ii) gravita` dei raggiri o artifizi fraudolenti: gli artifizi e i raggiri debbono essere di tal natura, da fare impressione sopra una persona sensata;*

*(iii) il dolo deve essere causa del contratto, u cioe` quando i raggiri usati da uno dei contraenti sono stati tali, che l'altro senza di essi non avrebbe contrattato;*

*(iv) i raggiri dolosi debbono essere stata opera dell'altro contrente."* (**Giorgio Giorgi op. cit. para. 95 pg. 104** ).

**12.** Trid għalhekk dejjem issir il-prova, li parti tkun xjentement użat raġġiri frawdolenti u artifizji gravi (ara **Sentenzi fl-ismijiet Galea vs Caruana Montaldo tas-16 ta` Diċembru 1970 u kif ukoll Barbara vs Schembri tas-16 ta` Ġunju 1955**). Di piu', il-piż ta' din il-prova jistrieħ unikament fuq spallet l-attur. Il-konvenut jista' ma jagħmel xejn għaliex fil-

liġi meqjus li huwa in buona fede. Presunzjoni pero' juri tantum u ma hemm xejn li jipprekludi lill-konvenut milli xorta jressaq provi biex jirribatti dawk tal-attur. Irridu ukoll inżommu quddiem għajnejna, li l-grad ta' prova bħal din dejjem jibqa' dak tal-preponderanza tal-provi u bilanċ ta' probabbiltajiet.

**13.** Hemm fattur ieħor li din il-Qorti tqis li għandu jittieħed in konsiderazzjoni u ċioe' dak li jsemmi l-awtur Franċiż **Planiol**, li '*Per conseguenza, nel valutare i fatti che lo costituiscono, dobbiamo chiederci se la persona che ha acconsentito fosse piu` o meno intelligente, se date le circostanze fosse piu` o meno facile ingannarla'*. (**Dol civil et dol criminal no.37, pag.571**). Il-faċilita' o meno li biha persuna tiġi indotta li tippresta l-kunsens tagħha b'qerq u raġġiri, huwa element li dejjem irid jitqies. Il-livell intelletwali tal-persuna allegatament ingannata irid għalhekk jittieħed kont tiegħu.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**14.** Kif diġa' issenjalat aktar 'l fuq, din il-Qorti għandha quddiemha żewġ versjonijiet addirittura kontrastanti u konfliġġenti. F'ċirkostanzi bħal dawn, irid isir eżami tal-provi prodotti, biex il-Qorti tkun tista' tasal għall-konklużjoni liema miż-żewġ versjonijiet hija l-aktar verosimili.

**15.** Dan l-element huwa marbut ukoll mal-grad ta' prova meħtieġ fil-kamp ċivili kif diġa' indikat aktar 'l fuq. Di fatti dawn il-Qrati dejjem għallmu li "*Hu pacifikament akkolt fil-ġurisprudenza tagħna li l-ġudikant,*

*fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet"* (ara **Sentenzi fl-ismijiet "Eucaristico Zammit -vs- Eustrachio Petrococchino", Appell Kummerċ, 25 ta' Frar 1952 u kif ukoll "Paul Vassallo -vs- Carmelo Pace", Appell Ċivili, 5 ta' Marzu 1986**).

**16.** Dejjem f'dan ir-rigward fis-**Sentenza tagħha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza "Xuereb vs Gauci et" il-Qorti tal-Appell Inferjuri** qalet hekk:

"*Huwa paċifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn żewġ prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

*"1. Li tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra; u*

*"2. Fin-nuqqas, li tiġi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur"*.

**17.** Tal-istess fehma kienet il-Qorti **fis-Sentenza per Imħallef Tonio Mallia tat-30 ta` Ottubru 2003 fil-kawza fl-ismijiet Bugeja vs Meilak** fejn ingħad hekk:

"*Jinsab ravvisat fid-deċiżjoni fl-ismijiet "Farrugia vs Farrugia", deċiza minn din il-Qorti fl-24 ta` Novembru, 1966, li l-konflitt fil-provi huwa ħaġa li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi wahda miż-żewġ versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f`kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant*".

Il-Qorti kompliet li "*Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta` azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta` dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli.*"

**18.** Iżda jrid jingħad ukoll li mhux kwalunkwe tip ta` konflitt għandu jħalli lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minħabba fih ma tkunx tista` tiddeċiedi b`kuxjenza kwieta u jkollha taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo. (ara **Sentenzi mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili per Imħallef**

**Philip Sciberras fl-ismijiet "Ciantar vs Curmi noe" deċiża fit-28 ta` April 2003 u "Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa" deċiża fit-28 ta` Mejju**).

**19.** Il-Qorti eżaminat il-provi imressqa miż-żewġ partijiet. Għalkemm il-provi ma humiex voluminużi, fid-dawl tal-versjonijiet konfliġġenti, din il-Qorti xorta kellha tagħmel eżami minuzzjuz tagħhom.

**20.** Jirrisulta li l-ewwel darba li l-Konvenuta qanqlet il-kwistjoini tat-terminazzjoni tal-impieg tagħha minn mal-Attur kien fl-14 ta' Awwissu 2015 permezz ta' email indirizzata lill-Attur Joseph Gauci. Fl-istess jum l-imsemmi weġibha b'mod xott għall-aħħar "ok". Minn din l-ittra jirrisulta ukoll, li l-Konvenuta kienet qed titkellem dwar din il-materja ma' wieħed mill-partners Aldo Zammit, wieħed mill-Atturi f'din il-kawza (ara a' fol 98 tergo). Dan ikkonfermatu wkoll il-Konvenuta bil-ġurament fix-xhieda tagħha fis-seduta tas-26 ta' Frar 2019 (a' fol 100 tergo). Fir-rigward ta' dan, irid jingħad li dan ma għażilx li jixhed u l-anqas ġie prodott bħala xhud minn ebda waħda mill-partijiet. Jigi ukoll innotat, li ħadd mill-Atturi l-oħrajn, ħlief għal Joseph Gauci, ma xehed fil-Kawża talinqas biex jikkorroborawh.

**21.** Fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2019 xehed l-Attur Joseph Gauci (a' fol 92 sa 93). Il-Qorti ma setgħetx ma tinnotax li f'dik ix-xhieda żewġ dettalji tħallew barra. L-ewwel wieħed jirrigwarda li l-Konvenuta bdiet titlob li tinħall mill-kuntratt, mhux minħabba mard, imma għaliex kienet imdejqa.

Ma kienetx qed tingħata x-xogħol li xtaqet.  Dan il-fatt l-Attur Joseph Gauci ma jeskludihx.  Di fatti in kontro-eżami jirriżulta s-segwenti:

"**Dr. Thomas Bugeja**:  *Imma l-mistoqsija kienet, mhix qed ngħidlek tajjeb jew ħażin, qed ngħidlek tiftakarx jew le jekk is-sinjura Mariella kienitx qaltlek illi ma kinitx kuntenta taħdem l-audit? Tiftakar jew le.*

**Xhud**:  *Jista' jkun.*"  ( a' fol 123 tergo ).

**22.**     Għalhekk, qabel ma feġġet il-kwistjoni tal-mard, l-Atturi kienu diġa' konsapevoli, li l-Konvenuta riedet titlaq mhux għaliex kienet marida, iżda għax imdejjqa fuq ix-xogħol.  Jekk kien hemm xi ħadd li seta' jitfa' dawl biex isostni l-kuntrarju kien l-Attur Aldo Zammit.  Kif diġa' aċċennat, kien miegħu li qegħdin isiru d-diskussjonijiet.  Iżda għal xi raġuni dan għazel li ma jixhidx minn jeddu in sostenn tal-pretensjonijiet li qed javvanza flimkien mal-Atturi l-oħrajn.

**23.**     It-tieni dettal jirrigwarda l-interventi li kien għamel żewġ il-Konvenuta biex il-partijiet waslu għall-iskrittura tat-8 ta' Ottubru 2015.  Il-Qorti ssibha diffiċli tifhem, għaliex Joseph Gauci, meta xehed minn jeddu, għażel li ma jsemmix dawn iż-żewġ dettalji, pjuttost importanti.  Mentri fix-xhieda tiegħu, u kif ukoll in kontro-eżami, Matthew Sammut, żewġ il-Konvenuta,  jispjega ċar x'ġara dak in-nhar tat-8 ta' Ottubru 2015 meta kienet iffirmata l-iskrittura tat-terminazzjoni.  Il-versjoni tiegħu b'mod ġenerali tikkorrobora dik tal-Konvenuta.

**24.** Il-mod kif seħħew l-affarijiet fit-8 ta' Ottubru 2015, jitfgħu dawl fuq il-vertenza li għandha quddiemha din il-Qorti. Fl-email li ġġib l-istess data, Joseph Gauci, b'kopja lil Aldo Zammit, lill-Konvenuta kitbilha hekk:

*"As you may be aware the decision to resign is yours. You are aware that we have an employment contract in place as you are aware. Will follow the agreement. I have also noticed that in Sept you have billed no clients and not even in October. Just for you to know. Please give notice to Muriel"* ( a' fol 98).

**25.** Din l-ittra intbagħtet fl-istess ġurnata li kienet iffirmata l-iskrittura tat-8 ta' Ottubru 2015. Fiha ma hemm ebda referenza għall-mard. Anzi, minn din l-ittra jirrisulta, li l-ħsieb tal-Atturi kien, li jinfurzaw il-kuntratt tal-impieg fl-ittra kollha tiegħu. Ir-raġuni li tissemma' hija strettament marbuta mal-fatt li l-Konvenuta ma kienitx produttiva f'xogħolha.

**26.** Wara li eżaminat l-atti kollha, il-Qorti tasal għall-konklużjoni li dak li ġara kien, li l-kwistjoni tas-saħħa tal-Konvenuta, għalkemm veru rrisulta li kienet ma tiflaħx, issemmiet minħabba li l-Atturi riedu raġuni għat-temm tal-impieg tagħha minħabba ħaddiema oħrajn. Di fatti huma kienu diġa' jafu li riedet titlaq għax iddejqet u ma kien hemm xejn xi jżommhom li jinsistu l-kumpens sħiħ skont il-kuntratt. Dan qed jingħad fid-dawl tal-fatt li l-impieg kien wieħed definit bl-applikazzjoni tal-artikolu 36(12) tal-Kap 542 tal-liġijiet ta' Malta. Din il-parti tal-liġi hija disinċentiv fiha nnifisha,

biex impjegat ma jitterminax b'mod prematur kuntratt ta' impieg bi żmien definit għaliex altrimenti jrid iħallas lill-prinċipal nofs l-ammont tal-paga li kien jirċievi għall-perjodu kollu li jkun fadal.

**27.** Thomas Sammut jixhed li: *"Ried ċertifikat biex jekk ħaddieħor jiddeċiedi li jitlaq minn hemm ukoll fit-terminu tal-kuntratt, ried ċertifikat biex jipproduċieh lil ħaddieħor u jgħidlu isma' din telqet għax ma tiflaħx."* (a' fol 96). Dan jikkorrabora dak li qalet il-Konvenuta fir-rigward taċ-ċertifikat mediku u ċioe' *"Li riedu bil-fors biex jippresentah lill-haddiehor. Lill-impjegati l-oħra"* (ara xhieda a' fol 110 tergo). L-istess Gauci kemm il-darba jsemmi l-preokkupazzjoni tiegħu f'dan ir-rigward (ara xhieda tiegħu a' fol 92 tergo, 83 u 125).

**28.** Il-Qorti qieset ukoll li fit-8 ta' Ottubru 2018 stess, il-Konvenuta ġiet mitluba ċertifikat mediku u ġabitu minn polyclinic (Ara dok a' fol 15 u xhieda ta' Joseph Gauci a' fol 127 tergo). Meta wasal dan iċ-ċertifikat ġie ffirmat il-ftehim inkwistjoni. Il-Konvenuta tispjega kif hi qablet li tiffirma dan il-ftehim abbażi tar-raġuni li kienet ma tiflaħx fuq insistenza tal-Attur Joseph Gauci. Di fatti l-konjugi Sammut jaqblu, li meta presentaw iċ-ċertifikat l-imsemmi bħal donnu ma riedx jemmen.

**29.** Għalhekk, wara li l-Qorti qieset il-provi kollha waslet għall-konklużjoni li l-Konvenuta ma kienitx in mala fede. Kull parti kellha r-raġuni għalfejn tniżżel li kienet "unwell". L-Atturi biex ikollhom ġustifikazzjoni minħabba ħaddiema oħrajn u l-Konvenuta għaliex ma

kellhiex triq oħra biex tinħall mill-ftehim. Miż-żewg versjonijiet mogħtija, il-Qorti qieset, li dik tal-Konvenuta hija aktar plawsibbli u għalhekk aktar verosimili għal dak li tassew seħħ. Il-Qorti ma hiex konvinta li l-Konvenuta *"xjentement użat raġġiri frawdolenti u artifizji gravi"* fit-termini ta' dak li tgħallem l-ermenewtika sentenzjali (ara **Sentenzi ċitati supra fl-ismijiet Galea vs Caruana Montaldo tas-16 ta` Diċembru 1970; u kif ukoll Barbara vs Schembri tas-16 ta` Ġunju 1955**).

**30.** Dan ifisser li t-talbiet tal-Atturi mhux ser jintlaqgħu.

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

Filwaqt li qed **tilqa' l-eċċezzjoni numru 24a** tal-Konvenuta qegħdha **tiċħad it-talbiet** kollha tal-Atturi.

Spejjes tal-Kawża a' karigu tal-Atturi.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**